



Rieżami tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji

Mistoqsijiet komuni

1 Għaliex qiegħed isir rieżami ta' dan ir-Regolament tal-BĊE?

Ir-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji, adottat f'Ottubru 2014, jobbliga lill-BĊE jagħmel rieżami sal-2017. Din il-konsultazzjoni hija maħsuba biex tiġbor kummenti mill-partijiet interessati sabiex tiġi evalwata l-possibbiltà ta' titjib. It-tweġibiet għal din il-konsultazzjoni se jipprovdu lill-BĊE b'taġħrif importanti biex jitfhejja, jekk ikun il-każ, aġġornament formali tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji.

2 Dan ir-Regolament tal-BĊE japplika għall-banek kollha fiż-żona tal-euro jew japplika biss għal dawk taħt is-superviżjoni diretta tal-BĊE, i.e. il-banek sinifikanti?

Il-banek kollha taħt superviżjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) matul il-perjodu tariffarju jridu jħallsu t-tariffi superviżorji fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni. Madankollu – kif hemm speċifikat fil-metodoloġija stipulata fir-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji – it-tariffa superviżorja annwali hija marbuta mal-istatus tal-entità taħt superviżjoni bħala sinifikanti jew inqas sinifikanti, biex tirrifletti l-livell differenti ta' skrutinju superviżorju meħtieġ mill-BĊE għal kull kategorija.

3 Għaliex il-BĊE jiġbor tariffi superviżorji?

Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament MSU (Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013) il-BĊE jiġbor tariffi superviżorji annwali biex ikopri n-nefqa tiegħu fir-rigward tal-kompiti superviżorji mogħtija lilu bl-istess Regolament. It-tariffa għandha titħallas mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri parteċipanti fis-superviżjoni bankarja Ewropea u mill-fergħat stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

4 Liema partijiet tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji huma suġġetti għal rieżami?

Ir-rieżami se jiffoka fuq il-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali li għandha tinġabar mingħand kull entità u grupp taħt superviżjoni. Dan

jikkonċerna partikolarment id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji li huma rilevanti għad-definizzjoni tal-metodoloġija li biha t-tariffa superviżorja annwali tiġi kalkulata, allokata u imposta, kif hemm stabbilit fil-Parti III (Determinazzjoni tat-tariffa superviżorja annwali) u l-Parti V (Fruġ ta' fatturi) tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji.

5 Il-Parti II (Nefqa u kosti) tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji hija inkluża f'dan ir-rieżami?

L-irkupru tan-nefqa mġarrba mill-BĊE għat-twettiq tal-kompiti tiegħu marbutin mas-superviżjoni huwa provdut fl-Artikolu 30 tar-Regolament MSU u għalhekk ma jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji.

6 Ir-rieżami jkopri t-tariffi li l-banek iħallsu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom?

Le, ir-rieżami jkopri biss il-qafas tat-tariffi superviżorji tal-BĊE, bla ħsara għat-tariffi superviżorji tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li huma stabbiliti bil-leġislazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, ir-rieżami jsir bla ħsara għat-tibdil fil-qafas legali iżjed wiesa' li jirregola t-tariffi superviżorji annwali tal-BĊE, partikolarment ir-Regolament MSU.

7 Kif nista' nibgħat il-kummenti tiegħi?

Biex tibgħat il-kummenti tiegħek jekk jogħġbok uża l-formola speċifika u imla t-tagħrif mitlub, filwaqt li tirreferi għall-artikolu u l-paġna rilevanti tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji għal kull kumment li tagħmel. Jekk jogħġbok aġti eżempji jew tagħrif skont il-każ.

Tista' tibgħat il-formola mimlija lill-BĊE bl-*email* jew bil-posta. Għal iżjed dettalji, jekk jogħġbok ara t-taqsima Kif tibgħat il-kummenti.

8 Imbagħad x'jiġri? Liema huma l-passi li jmiss?

Entitajiet u gruppi taħt superviżjoni kif ukoll partijiet interessati oħra huma mistiedna jagħtu sehemhom fil-konsultazzjoni pubblika. Il-kummenti kollha jiġu evalwati mill-BĊE u jitqiesu, jekk ikunu xierqa, waqt it-tnejjja ta' aġġornament formali tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji. Il-BĊE se jikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz tal-Bord Superviżorju u fora stabbiliti oħra. Ir-riżultat tar-rieżami se jiġi pubblikat fl-2018 fis-sit tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE.

Kif se jiġu stabbiliti t-tariffi superviżorji għall-2017?

It-tariffi superviżorji annwali għall-2017 se jiġu kalkulati skont il-metodoloġija attwali stipulata fir-Regolament dwar it-tariffi superviżorji. Tagħrif ieħor fuq iż-żmien stabbilit, dati tal-għeluq rilevanti u informazzjoni Prattika jinsabu fit-taqsimha tat-tariffi superviżorji fis-sit tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE.